

**SEJĦA GĦAL ESPRESSJONIJIET TA' INTERESS
GĦAL PERSUNAL KUNTRATTWALI fil-gruppi ta' funzjoni u l-profilu li ġejjin:**

REFERENZA	PROFIL	GRUPP TAL-FUNZJONIJIET (FG)
EPSO/CAST/P/1/2017	Finanzi	FG III
EPSO/CAST/P/2/2017	Finanzi	FG IV
EPSO/CAST/P/3/2017	Ġestjoni tal-proġetti/programmi	FG III
EPSO/CAST/P/4/2017	Ġestjoni tal-proġetti/programmi	FG IV
EPSO/CAST/P/5/2017	Finanzi	FG II
EPSO/CAST/P/6/2017	Segretarji / Skrivani	FG II
EPSO/CAST/P/7/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi Umani	FG II
EPSO/CAST/P/8/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi Umani	FG III
EPSO/CAST/P/9/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi Umani	FG IV
EPSO/CAST/P/10/2017	Komunikazzjoni	FG III
EPSO/CAST/P/11/2017	Komunikazzjoni	FG IV
EPSO/CAST/P/12/2017	Politika / Politiki tal-UE	FG III
EPSO/CAST/P/13/2017	Politika / Politiki tal-UE	FG IV
EPSO/CAST/P/14/2017	Liġi	FG III
EPSO/CAST/P/15/2017	Liġi	FG IV
EPSO/CAST/P/16/2017	Teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	FG III
EPSO/CAST/P/17/2017	Teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	FG IV

Din is-sejħa hija miftuħa għar-reġistrazzjoni mill-5 ta' Jannar, 2017.

Ma hemm l-ebda data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet (sakemm mhux speċifikat mod ieħor fuq is-sit web tal-EPPO http://europa.eu/epso/index_mt.htm).

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPPO) qed ivara proċedura tal-għażla miftuħa biex ikun hemm għażla ta' kandidati li l-istitutazzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni Ewropea (UE) (ara l-link li ġej: https://europa.eu/european-union/about-eu_mt) ikunu jistgħu jirreklutaw aġenti kuntrattwali minnha fl-oqsma mniżżla iktar 'il fuq.

Din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, flimkien mal-Annessi tagħha, tiffirma l-qafas legalment vinkolanti għal dawn il-proċeduri tal-għażla.

Int tista' tapplika għal profil u/jew grupp ta' funzjonijiet wieħed jew aktar, dejjem jekk tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn taħt. Nirrikkmandawlek tagħżel biss dawk il-profilu u gruppi ta' funzjonijiet li għandek l-iktar edukazzjoni u esperjenza rilevanti fihom. Il-fatt li tippreżenta bosta applikazzjonijiet mhux bilfors iżidlek iċ-ċans li tiġi preselezzjonat.

Il-kuntratti jkunu offruti prinċipalment għal pożizzjonijiet fi Brussell u fil-Lussemburgu. Għadd limitat ta' kuntratti jista' jkun disponibbli fi bliet oħra tal-UE kif ukoll fid-delegazzjonijiet tal-UE mad-dinja kollha. L-aġenti kuntrattwali fid-delegazzjonijiet tal-UE jistgħu jkunu soġġetti għal regoli ta' politika ta' mobilità.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-aġenti kuntrattwali huma rregolati mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni, (ara <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20110101:MT:PDF>, il-kapitolu IV, p. 215).

Il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qiegħda tagħmel rieżami tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2.3.2011 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-persunal b'kuntratt impjegat mill-Kummissjoni skont it-termini tal-Artikoli 3a u 3b. Ladarba d-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Ġenerali (GIPs) jiġu adottati, il-kandidati li jirnexxu jiġu offruti kuntratt abbażi tad-dispożizzjonijiet il-ġodda. Istituzzjonijiet, Korpi u Aġenziji oħrajn jistgħu wkoll iwettqu proċessi ta' rieżami simili.

Is-sejħiet għal espressjonijiet ta' interess għall-persunal kuntrattwali ġeneralment jattiraw għadd kbir ta' kandidati kwalifikati ħafna. Bħala konsegwenza, huwa għadd limitat ta' kandidati rreġistrati fil-bażi ta' dejta biss li jitniżżel fil-lista finali, jiġi ttestjat, intervistat u offrut impjeg.

LIEMA KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?

L-aġenti kuntrattwali jwettqu kompiti taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali jew ta' membri tal-persunal temporanji. Aktar dettalji dwar in-natura tal-kompiti u t-tip ta' dmirijiet jinsabu fl-[ANNEX I](#).

JIEN ELIĠIBBLI BIEX NAPPLIKA?

Meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek tkun trid tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI

- Tkun tgawdi mid-drittijiet sħaħ ta' ċittadin ta' Stat Membru tal-UE
- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet nazzjonali dwar is-servizz militari
- Tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' karattru mitluba għat-twettiq tad-dmirijiet involuti

L-istituzzjonijiet tal-UE japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni abbażi ta' ġeneru, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI LINGWI

- Lingwa 1: tal-anqas livell C1 f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE
- Lingwa 2: tal-anqas livell B2 fil-Franċiż, fil-Ġermaniż jew fl-Ingliż; din il-lingwa trid tkun differenti mil-lingwa 1

Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: BG (il-Bulgaru), CS (iċ-Ĉek), DA (id-Daniż), DE (il-Ġermaniż), EL (il-Grieg), EN (l-Ingliż), ES (l-Ispanjol), ET (l-Estonjan), FI (il-Finlandiż), FR (il-Franċiż), GA (l-Irlandiż), HR (il-Kroat), HU (l-Ungeriz), IT (it-Taljan), LT (il-Litwan), LV (il-Latvjan), MT (il-Malti), NL (l-Olandiż), PL (il-Pollakk), PT (il-Portugiż), RO (ir-Rumen), SK (is-Slovakk), SL (is-Sloven) jew SV (l-Iżvediż).

Għad-dettalji dwar il-livelli tal-lingwa, ara l-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (<https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>)

[Ara l-ANNEX II għal aktar informazzjoni dwar il-lingwi fil-proċeduri tal-għażla tal-UE.](#)

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI KWALIFIKI U ESPERJENZA PROFESSIONALI

Għall-gruppi ta' funzjonijiet II u III:

- livell ta' edukazzjoni postsekondarja mixhud permezz ta' ċertifikat; jew
- livell ta' edukazzjoni sekondarja mixhud permezz ta' ċertifikat li jagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, u esperjenza professjonali adegwata ta' mhux anqas minn tliet snin; jew
- fejn dan ikun ġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali f'livell ekwivalenti.

Għall-grupp ta' funzjonijiet IV:

- livell ta' edukazzjoni li jikkorrespondi ma' kors mitmum ta' studji universitarji ta' mill-anqas tliet snin, mixhud b'lawrja; jew
- fejn ikun ġustifikat fl-interessi tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti.

Il-kwalifki maħruġa jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE biss (pereżempju mill-Ministeru tal-Edukazzjoni) jiġu aċċettati. Barra minn hekk, qabel ir-reklutaġġ, se tkun meħtieġ tipprovdi d-dokumenti li jagħtu prova tal-eliġibbiltà tiegħek u tal-informazzjoni li tkun tajt fil-formola tal-applikazzjoni (diplomi, ċertifikati u dokumenti ta' prova oħrajn).

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI (APPLIKABBLI BISS GĦAL POSTIJIET FID-DELEGAZZJONIJIET TAL-UE)

Ir-reklutaġġ jista' jkun suġġett għall-approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal imwettqa mill-awtorità ta' sigurtà nazzjonali tal-kandidat.

KIF SE NINTGĦAŻEL?

1) Preselezzjoni: is-servizzi ta' reklutaġġ ifittxu fil-bażi tad-dejta ta' kandidati rreġistrati

Kif ikun hemm bżonn, is-servizzi tar-reklutaġġ ifittxu l-grupp ta' applikazzjonijiet u jagħżlu għadd ta' kandidati li, abbażi tal-informazzjoni fl-applikazzjonijiet tagħhom, ikunu l-aktar li jaqblu mar-rekwiżiti tal-impjieg inkwistjoni.

2) Testijiet tal-għażla organizzati mill-EP SO. Testijiet b'mistoqsijiet b'għażla multipla fuq il-kompjuter (MCQ)

Jekk tintgħażel, tiġi mistieden sabiex tagħmel serje ta' testijiet MCQ f'ċentru tal-ittestjar akkreditat, kif speċifikat fit-tabella ta' hawn taħt. Tirċievi iktar struzzjonijiet dwar it-testijiet permezz tal-kont EPSO tiegħek.

Fit-tabella li ġejja ssib iktar dettalji dwar kull tip ta' test. Jekk issib xi diffikultà int u taqra din it-tabella permezz ta' teknoloġiji assistivi, segwi l-link għall-ANNEX IV - li hija verżjoni testwali faċli biex tinqara.

Test	Lingwa	Nru ta' mistoqsijiet	Tul ta' ħin	Marka minima meħtieġa		Jekk tgħaddi, ir-riżultati huma validi għal
I) Testijiet ta' raġunament						
Raġunament verbali	L1	20	35 min.	10/20		10 snin
Raġunament numeriku	L1	10	20 min.	Flimkien 10/20		
Raġunament astratt	L1	10	10 min.			
II) Test tal-kompetenza						
Test tal-kompetenza	L2	25	50 min.	FGII u FGIII 13/25	FGIV 16/25	5 snin

Jekk tikseb il-marki meħtieġa biex tirnexxi fit-testijiet, ir-riżultati jkunu validi għal ċertu perjodu ta' żmien, biex ma jkollokx għalfejn terġa' tagħmel dawk it-testijiet. Ir-riżultati jkunu validi kif ġej:

- Jekk tgħaddi mit-testijiet ta' raġunament, ir-riżultati jibqgħu validi għal 10 snin jew inqas, għall-istess grupp(i) ta' funzjonijiet jew dawk taħthom.
- Jekk tgħaddi mit-testijiet tal-kompetenza, ir-riżultati jibqgħu validi għal ħames (5) snin għall-profil magħżul fl-istess grupp(i) ta' funzjonijiet jew dawk taħthom.

Jekk ma tiksibx il-marki meħtieġa biex tirnexxi fit-testijiet, japplika dan li ġej:

- Jekk ma tgħaddix mit-testijiet ta' raġunament, is-servizzi ta' reklutaġġ ma jkunux jistgħu jistednuk mill-ġdid għal test għall-istess grupp ta' funzjonijiet jew wieħed ogħla għas-sitt (6) xhur li jmiss.
- Jekk ma tgħaddix mit-test tal-kompetenza, is-servizzi ta' reklutaġġ ma jkunux jistgħu jistednuk għal test għall-istess grupp ta' funzjonijiet jew wieħed ogħla fl-istess profil għas-sitt (6) xhur li jmiss. Il-marki tiegħek fit-testijiet tar-raġunament jinżammu (ara hawn fuq).

Biex tgħaddi mit-testijiet ta' raġunament, trid iġġib il-marki minimi meħtieġa kemm għar-raġunament verbali kif ukoll għar-raġunament numeriku u astratt kombinati. It-testijiet ta' kompetenza jiġu mmarkati biss jekk tkun għaddej mit-testijiet ta' raġunament.

L-iskadenza tal-perjodu ta' sitt (6) xhur ma tintitolakx awtomatikament li terġa' tagħmel it-test(ijiet). Tista' tiġi mistieden terġa' tagħmel it-testijiet biss jekk is-servizzi ta' reklutaġġ jagħżluk minn qabel għall-istess pożizzjoni vakanti jew oħra.

3) Testijiet ta' reklutaġġ li jinkludu intervista u forum ta' evalwazzjoni opzjonali oħrajn

Jekk tgħaddi mit-testijiet kemm ta' raġunament kif ukoll ta' kompetenza, tiġi mistieden mis-servizzi ta' reklutaġġ għal intervista, imwettqa minn bord tas-selezzjoni biex jivvaluta jekk il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien lingwistiku tiegħek humiex xierqa għall-

pożizzjoni rilevanti. F’xi każijiet, is-servizzi ta’ reklutaġġ jistgħu jitolbuk ukoll tagħmel xi forom oħrajn ta’ evalwazzjoni, pereżempju test bil-miktub, test Prattiku jew simulazzjoni.

4) Reklutaġġ

Il-kandidati li jkollhom suċċess fl-istadji 1-3 hawn fuq jistgħu jirċievu offerta ta’ impjieg formali.

KIF, META U FEJN NISTA' NAPPLIKA?

Trid applika online (segwi l-link https://epso.europa.eu/apply/job-offers_mt).

Biex tindika li għadek interessat f’din il-proċedura trid **taġġorna l-applikazzjoni tiegħek tal-anqas darba kull sitt (6) xhur**. Inkella, is-servizzi ta’ reklutaġġ ma jibqgħux jaraw id-dettalji tiegħek.

L-EPSO KIF SE JIKKOMUNIKA MIEGĦI?

L-informazzjoni rigward it-testijiet MCQ tiegħek, fosthom l-istedina/iniet, se tintbagħat permezz tal-kont tiegħek tal-ESPO li trid tiċċekjah tal-anqas darbtejn fil-ġimgħa.

Għandek tiċċekkja wkoll eu-careers.info jew [tikkuntattjana \(https://epso.europa.eu/help_mt\)](https://epso.europa.eu/help_mt) jekk ikollok mistoqsijiet partikolari.

IS-SERVIZZI TA' REKLUTAĠĠ KIF SE JIKKOMUNIKAW MIEGĦI?

L-informazzjoni dwar l-intervista/i, inkluża/i l-istedina/iet, tintbagħat fl-indirizz tal-email indikat fil-kont EPSO tiegħek. Tista’ tirċievi stedinet minn servizzi ta’ reklutaġġ differenti.

RAĠUNIJIET GĦAL ESKLUŻJONI TEMPORANJA

Skont il-prinċipju ta’ trattament ugwali, jekk f’kull stadju l-EPPO jinnotta li ħloqt iktar minn kont wieħed tal-EPPO, jew għamilt dikjarazzjonijiet foloz, l-EPPO se jagħti lill-applikazzjoni tiegħek status ta’ “mhux disponibbli” għal sena.

Frodi jew attentati ta’ frodi jistgħu jesponuk għal pjeni. Dawk kollha reklutati mill-istituzzjonijiet iridu juru li jkollhom l-ogħla livell ta’ integrità possibbli.

KIF NISTA' NITLOB RIEŻAMI/NIPPREŻENTA PROĊEDURA TA' APPELL?

Ara l-punt 6 tal-Anness III “Regoli Ġenerali li Jirregolaw is-Selezzjonijiet tal-Aġenti Kuntrattwali”

X'JIĠRI JEKK NEĦTIEĠ ARRANĠAMENTI SPEĊJALI?

L-EPPO konsistentement japplika politika ta’ opportunitajiet indaqs fil-proċeduri tas-selezzjoni tiegħu sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-kandidati kollha.

L-EPPO jieħu l-miżuri raġjonevoli kollha biex jiżgura li kandidati bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-proċeduri tas-selezzjoni fuq bażi ugwali mal-kandidati l-oħra.

Jekk għandek diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista’ tfixxkel l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni online tiegħek u għarrafna bit-tip ta’ aġġustamenti speċjali li għandek bżonn. **Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa waqt il-proċedura tal-għażla, jekk jogħġbok informa lill-EPPO malajr kemm jista’ jkun billi tuża l-informazzjoni indikata hawn taħt**

Innota dan li ġej:

1. Se jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPPO sabiex it-talba tiegħek tiġi kkunsidrata. Id-dokumenti ta' prova tiegħek jiġu eżaminati sabiex ikunu jistgħu jsiru arranġamenti raġonevoli tat-testijiet tal-għażla fejn meħtieġ.

2. Jekk tiġi mistieden għal test ta' reklutaġġ li jkun jinkludi intervista jew test ieħor organizzat mis-servizzi ta' reklutaġġ (u mhux mill-EPPO), jekk jogħġbok ara li tkun infurmajthom direttament dwar il-bżonnijiet speċjali tiegħek.

Issib l-informazzjoni kollha li għandek bżonn fil-formola ta' applikazzjoni tiegħek u fuq is-sit web tagħna.

Għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja t-tim tal-aċċessibilità tal-EPPO:

Posta elettronika: EPPO-accessibility@ec.europa.eu, **jew**

Faks: +32 2 299 80 81 **jew**

Posta:

European Personnel Selection Office (EPPO)

EPPO accessibility

C- 25, 1049 Bruxelles/Brussel

BELGIUM

ANNESI TA' DIN IS-SEJĦA GĦAL ESPRESSJONIJIET TA' INTERESS

- ANNESS I — DMIRIJIET
- ANNESS II — LINGWI
- ANNESS III – REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IS-SELEZZJONIJIET TAL-AĠENTI KUNTRATTWALI (CAST)
- ANNESS IV – INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI RIGWARD TESTIJIET BIL-KOMPJUTER F'FORMAT LI JINQARA FAĊILMENT

ANNEX I—

DMIRIJET

Id-dmirijiet ewlenin jistgħu jvarjaw minn servizz għall-ieħor, iżda jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

FINANZI (FGIII)

- Inizjazzjoni u/jew verifika finanzjarji, appoġġ finanzjarju
- Appoġġ fil-qafas ta' sejħiet għal proposti/offerti
- Ġestjoni ta' informazzjoni finanzjarja
- Appoġġ għall-ġestjoni tal-kontabilità
- Appoġġ għall-ġestjoni tal-awditjar

FINANZI (FGIV)

- Ippjanar u s-segwitu għall-baġit/finanzi
- Informazzjoni u rappurtar dwar il-baġit/finanzi
- Koordinament u pariri finanzjarji/baġitarji
- Analiżi u rappurtar finanzjarji/baġitarji
- Analiżi u appoġġ tal-awditjar

ĠESTJONI TAL-PROĠETTI/PROGRAMMI (FGIII)

- Il-ġestjoni tal-proġetti/programmi, inkluż l-ippjanar, l-immonitorjar, l-evalwazzjoni, l-għeluq tal-proġett u attivitajiet ta' wara l-proġett
- Infiq Finanzjarju
- Ġestjoni u valutazzjoni tal-kwalità
- Komunikazzjoni esterna — Informazzjoni pubblika

ĠESTJONI TAL-PROĠETTI/PROGRAMMI (FGIV)

- Sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti — promozzjoni, evalwazzjoni u negozjar
- Il-ġestjoni tal-proġetti/programmi, inkluż l-ippjanar, l-immonitorjar, l-evalwazzjoni, l-għeluq tal-proġett u attivitajiet ta' wara l-proġett
- Komunikazzjoni interna u esterna u tixrid ta' informazzjoni
- Koordinazzjoni u konsultazzjoni interna
- Rappreżentazzjoni u koordinazzjoni esterna

FINANZI (FGII)

- It-tħejjija ta' fajls finanzjarji u l-aġir bħala aġent li jagħti bidu għaċ-ċirkwit finanzjarju
- L-għoti ta' għajnuna klerikali u amministrattiva marbuta ma' sejħiet għal proposti/offerti
- L-għoti ta' appoġġ fl-ipproċessar ta' informazzjoni finanzjarja u tar-rappurtar finanzjarju
- L-assistenza fil-proċessi ta' kontabilità
- L-assistenza f'kompiti relatati mal-awditjar, bħall-appoġġ klerikali għall-awdituri, l-iffajljar, eċċ.

SEGRETARJI / SKRIVANI (FGII)

- Dmirijiet segretarjali relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat, it-tħejjija ta' vjaġġi fuq xogħol, eċċ.

- Bosta dmirijiet segretarjali ta' rutina oħra, it-trażmissjoni u l-iffajljar ta' dokumenti u korrisondenza, il-monitoraġġ tal-korrisondenza, iż-żamma ta' djarju bl-appuntamenti, il-ġestjoni tal-inbox tal-email tas-superjur tiegħek, eċċ.
- Assistenza bil-kitba (memos, noti, minuti tal-laqgħat)
- Assistenza fil-koordinazzjoni u l-ippjanar tax-xogħol fid-Dipartiment
- Word processing fil-lingwa ewlenija u possibilment f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.
- Xogħol bil-kompjuter marbut mal-preżentazzjoni tad-dokumenti (pereżempju t-tqassim tal-paġni, il-format, it-tabelli)
- Bosta xogħlijiet amministrattivi marbutin mal-ġestjoni tal-fajls (permezz tal-IT)

AMMINISTRAZZJONI / RIŻORSI UMANI (FGII)

- L-assistenza fil-fajls tas-selezzjoni u r-reklutaġġ: it-tnedija ta' sejħiet u publikazzjonijiet, li tirċievi u tipproċessa l-applikazzjonijiet, l-organizzazzjoni ta' bordijiet tal-għażla, is-segwitu tax-xogħol tal-bordijiet tal-għażla
- L-assistenza fit-tħejjija ta' rappurtar perjodiku u l-analiżi tad-dejta dwar ir-reklutaġġ u s-selezzjoni tal-persunal
- Assistenza fil-monitoraġġ tal-pjan ta' stabbiliment: il-monitoraġġ ta' postijiet vakanti, koordinazzjoni mas-servizzi inkarigati mir-reklutaġġ ta' kategoriji tal-persunal differenti; talbiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġu ppubblikati postijiet
- L-appoġġ għal xogħol ta' tħejjija u segwitu f'attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp abbażi ta' prijoritajiet strateġiċi identifikati mill-maniġment
- L-appoġġ u l-applikazzjoni tar-regoli relatati ma' kwistjonijiet speċifiċi oħra tal-HR

AMMINISTRAZZJONI / RIŻORSI UMANI (FGIII)

- It-tħejjija u l-kontribuzzjoni għall-ġestjoni ta' fajls ta' selezzjoni u reklutaġġ: l-abbozzar ta' avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti, it-tnedija ta' sejħiet u publikazzjonijiet, l-analiżi tal-applikazzjonijiet u d-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom, l-organizzazzjoni u s-segwitu fuq il-bordijiet tas-selezzjoni, it-tħejjija tad-dokumenti ta' reklutaġġ (il-kontroll tal-eliġibbiltà, l-istabbiliment ta' gradi, eċċ.)
- Il-kollaborazzjoni u l-kontribuzzjoni għal funzjonijiet amministrattivi u ta' ġestjoni tar-riżorsi umani
- Għajnuna għat-tħejjija u s-segwitu ta' rapportar perjodiku u analiżi tad-dejta fuq ir-reklutaġġ u l-għażla tal-persunal
- Għajnuna fit-tħejjija, it-tnedija u s-segwitu ta' eżerċizzji ta' promozzjoni u riklassifikazzjoni
- Il-kontribuzzjoni għall-komunikazzjoni dwar il-politika ta' taħriġ għall-persunal kollu
- Il-kontribuzzjoni għat-tfassil ta' attivitajiet ġodda ta' tagħlim u żvilupp abbażi tal-prijoritajiet strateġiċi identifikati mill-maniġment

AMMINISTRAZZJONI / RIŻORSI UMANI (FGIV)

- Il-kontribuzzjoni għat-twaqqif, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni.
- Il-ġestjoni u s-supervizzjoni tal-fajls tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ
- It-tħejjija ta' sessjonijiet ta' tagħrif u dokumenti oħrajn fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani
- Il-koordinazzjoni tar-rappurtar perjodiku u l-analiżi tad-dejta
- Is-supervizzjoni u l-verifika ta' impenji legali u finanzjarji b'rabta mal-proġetti taħt ir-responsabbiltà tiegħek, f'konformità sħiħa mar-regoli finanzjarji attwali.
- Pariri u koordinazzjoni mas-servizzi abbażi tal-istrateġiji annwali tal-HR tagħhom

- Ir-rappreżentanza tal-istituzzjoni permezz ta' preżentazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni għal udjenzi interni u esterni

KOMUNIKAZZJONI (FGIII)

- L-organizzazzjoni u s-segwitu tal-ippjanar ta' laqgħat fis-servizz innifsu, ma' servizzi oħra u ma' kuntratturi esterni
- Il-kontribuzzjoni għall-produzzjoni/koerenza viżiva ta' strixxuni, pubblikazzjonijiet u materjal ta' promozzjoni
- Kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni u l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' komunikazzjoni dwar prijoritajiet u proġetti ta' komunikazzjoni
- Il-produzzjoni editorjali, jiġifieri l-produzzjoni ta' skedi informattivi, l-aġġornar ta' siti fuq l-intranet
- Il-kooperazzjoni fil-ġestjoni ta' proġetti, inklużi regolamenti finanzjarji
- Il-kollaborazzjoni għas-segwitu tal-proġetti permezz tal-midja soċjali
- Il-kontribuzzjoni għat-tnejn ta' laqgħat ta' informazzjoni u dokumenti oħra relatati mal-komunikazzjoni ta' prijoritajiet politiċi

KOMUNIKAZZJONI (FGIV)

- L-istabbiliment, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' komunikazzjoni
- Il-preparazzjoni ta' sessjonijiet ta' taġħrif u dokumenti oħra relatati mal-komunikazzjoni ta' prijoritajiet politiċi
- Is-superviżjoni u l-verifika ta' impenji legali u finanzjarji b'rabta mal-proġetti taħt ir-responsabbiltà tiegħek, f'konformità sħiħa mar-regoli finanzjarji attwali.
- L-iżgurar tal-koordinazzjoni u s-sinerġija fid-Direttorat Ġenerali (DĠ)/l-istituzzjoni u mal-unitajiet ta' komunikazzjoni ta' servizzi/DĠ relatati dwar il-prijoritajiet politiċi
- Pariri u koordinazzjoni mas-servizzi abbażi tal-istrategġiji annwali tal-komunikazzjoni tagħhom
- L-għoti ta' preżentazzjonijiet dwar aspetti ewlenin tal-attività tal-proġett u r-riżultati u l-kontribuzzjoni għal azzjonijiet ta' disseminazzjoni għal udjenzi interni u esterni
- L-organizzazzjoni, it-tnejn ta' laqgħat u l-istabbiliment u t-tmexxija ta' laqgħat u konferenzi dwar il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati fl-istituzzjoni u barra minnha
- Is-segwitu ta' proġetti permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

POLITIKA/POLITIKI TAL-UE (FGIII)

- Il-kontribuzzjoni għas-segwitu tal-iżviluppi tal-politika u l-iżgurar ta' interfaċċja b'servizzi xierqa
- Il-kooperazzjoni ma' dipartimenti oħra li jittrattaw dawn il-fajls
- Il-kontribuzzjoni għal rapporti, informazzjoni u noti ta' taħdit dwar fajls ta' politika u l-għoti ta' kull kontribut meħtieġ
- Il-kontribuzzjoni għal mistoqsijiet parlamentari fil-qasam tal-politika
- Il-kontribuzzjoni għat-tnejn ta' laqgħat mal-partijiet interessati, it-teħid tal-konklużjonijiet politiċi u s-segwitu tal-laqgħat
- Ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni/l-istituzzjoni jew id-DĠ fl-attivitajiet/laqgħat interni, interistituzzjonali u esterni, rilevanti għas-servizz, taħt is-superviżjoni tal-Kap ta' Unità jew l-uffiċjal tal-politika

POLITIKA/POLITIKI TAL-UE (FGIV)

- Is-sorveljanza, l-analiżi u r-rapportar dwar is-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali tal-pajjiż
- Is-segwitu dwar il-politiki reġjonali, barranin u multilaterali tal-pajjiż

- L-ifformular u l-kontribuzzjoni lejn id-definizzjoni tal-oġġettivi politiċi tal-UE, il-prijoritajiet u l-politiki dwar relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi, umanitarji jew oħra f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra
- Il-koordinazzjoni u l-kontribuzzjoni għat-tnejn ta' żjarat ta' livell għoli u missjonijiet, laqgħat *ad hoc*, kuntatti ma' pajjiżi terzi, is-soċjetà ċivili, eċċ.
- L-abbozzar u s-segwitu dwar dokumenti ta' politika, dokumenti strateġiċi, atti legali, diskorsi, stqarrijiet u dokumenti oħrajn li jikkonċernaw iż-żona assenjata
- L-abbozzar ta' tveġibiet għal mistoqsijiet orali u bil-miktub u petizzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE).
- L-iżgurar tal-koerenza tal-azzjonijiet u l-politiki tal-UE fil-pajjiż bil-kontribuzzjoni u l-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet bejn is-servizzi dwar il-komunikazzjonijiet uffiċjali, dokumenti ta' politika u dokumenti ta' ħidma interni tal-istituzzjonijiet tal-UE
- Ir-rappreżentanza tal-istituzzjoni, taħt is-supervizzjoni ta' uffiċjal f'laqgħat interistituzzjonali u internazzjonali (pereżempju gruppi konsultattivi li jikkonċernaw iż-żona assenjata)
- Il-kontribuzzjoni għal negozjati ta' ftehimiet internazzjonali

LIĠI (FGIII)

- Il-kontribuzzjoni lejn studji u riċerka dwar id-dritt nazzjonali, Komunitarju u internazzjonali fil-qasam tal-ġustizzja u affarijiet interni
- Il-kontribuzzjoni lejn l-analiżi u t-tnejn ta' abbozzi ta' opinjonijiet u noti legali
- L-analiżi tal-fajls ta' qabel il-litigazzjoni (ilmenti, eċċ.), bosta kompiti marbutin mal-proċeduri tal-qorti, u t-tnejn ta' dikjarazzjonijiet dwar il-pożizzjoni.
- Il-kollaborazzjoni fit-tnejn ta' dokumenti marbutin mal-attivitajiet tal-istituzzjoni, u korpi preparatorji u kumitati speċjali

LIĠI (FGIV)

- L-iżgurar ta' ċertezza tad-dritt, il-kwalità tal-abbozzar u l-konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli
- L-assistenza u r-rappreżentanza tal-istituzzjoni f'tilwim u, fejn xieraq, ir-rappreżentanza tagħha f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
- Il-pariri u opinjonijiet bil-miktub jew bil-fomm dwar mistoqsijiet legali, istituzzjonali u proċedurali lill-istituzzjonijiet u fl-istanzi preparatorji tagħhom jew servizzi
- L-analiżi u l-abbozz ta' ħidma kunċettwali, studji u analiżi legali
- L-għoti ta' tveġibiet abbozzati għal talbiet u ilmenti indirizzati lill-Awtorità tal-Ħatra minn uffiċjali u aġenti

TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (FGIII)

- Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tas-sistemi tal-informazzjoni u l-analiżi ta' proċessi tax-xogħol
- L-assistenza fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-bażijiet ta' dejta (databases)
- Lingwi tal-iprogrammar bħall-Java, Visual Basic, Visual C#, Powerbuilder, ASP.NET, C++, ColdFusion, eċċ.
- Interfaċċi tal-applikazzjonijiet ibbażati fuq il-web,
- L-amministrazzjoni tal-ambjent tal-utent (konfigurazzjoni, amministrazzjoni u assistenza tas-sistemi operattivi, għodda tal-uffiċċju, printers u riżorsi kondiviżi oħra f'ambjent ta' network)
- Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-ġestjoni ta' siti web u paġni HTML, XML u UML (lingwi tal-iprogrammar bħall-Java, ASP.NET, PHP u ColdFusion).

- L-amministrazzjoni ta' servers tal-Web (bħall-Planet Web Server, Microsoft Internet Information Server, ColdFusion Server, Oracle BEA WebLogic applications, Apache Server, eċċ.)
- Il-ġestjoni ta' networks u telekomunikazzjonijiet (permezz tal-protokolli u servizzi LAN/WAN (DHCP, DNS, HTTP, HTTPS, SNMP, Active Directory)), l-użu ta' teknoloġiji tal-internet għall-implimentazzjoni ta' networks interni jew biex jiġu interkonnessi networks, is-sigurtà tan-networks, l-iżviluppi fil-qasam tat-teknoloġiji VPN, sistemi tat-telefonija/faks, l-integrazzjoni tal-vuċi u d-dejta, il-komunikazzjoni mobbli, bis-satellita u wireless)
- Għajnuna bl-organizzazzjoni u s-segwitu ta' proġetti u/jew servizzi operazzjonali fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma.

TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (FGIV)

- Il-koordinazzjoni, il-ġestjoni u t-tfassil, l-implimentazzjoni u s-superviżjoni ta' proġetti tal-ICT
- Il-ġestjoni ta' sistemi, servizzi u s-sigurtà tal-IT
- Is-superviżjoni u l-ġestjoni tal-kuntratti u r-relazzjonijiet ma' dipartimenti klijenti u l-fornituri
- It-twettiq ta' studji strateġiċi u l-analiżi ta' prodotti fis-suq

[Tmiem tal-ANNEX I, ikklikja hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali](#)

ANNEX II –

LINGWI

L-użu tal-lingwi f' din il-proċedura tal-għażla se jkun kif ġej:

Il-kandidati jridu jagħżlu l-ewwel lingwa minn fost l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u t-tieni lingwa, li ma tkunx l-ewwel waħda, minn fost l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż.

L-applikazzjonijiet online għandhom jiġu ppreżentati fit-tieni lingwa tal-kandidati.

It-testijiet tar-raġunament konjittiv se jsiru fl-ewwel lingwa tal-kandidati.

It-testijiet tal-kompetenzi se jsiru fit-tieni lingwa tal-kandidati.

F'konformità mas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-Awla Manja) fil-Kawża C-566/10 P, ir-Repubblika Taljana vs. il-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet tal-UE huma obbligati jiddikjaraw ir-raġunijiet għal-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa f' din il-proċedura tal-għażla fosthom ukoll il-lingwi għall-komunikazzjoni mal-kandidati.

L-għażliet tat-tieni lingwa għal din il-proċedura tal-għażla ġew definiti skont l-interessi tas-servizz, li jeħtieġu lill-Aġenti Kuntrattwali li jkunu għadhom kemm jinħatru li jkunu operazzjonali mill-ewwel u jkunu kapaċi jikkomunikaw effettivament fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Tabilħaqq, l-Aġenti Kuntrattwali jittqabdu għal kuntratti qosra jew fuq terminu medju biex jiġu indirizzati b'żonnijiet tal-persunal immedjati u speċifiċi. Dawn ġeneralment jiġu assenjati xogħol taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali jew persunal temporanju, bi grad ta' responsabbiltà iktar limitat, jew inkella jittqabdu biex jieħdu post persunal statutorju b' mod temporanju. Ir-reklutaġġ tagħhom huwa bbażat biċ-ċar fuq il-fehim li dawn iridu jibdeu jaħdmu mill-bidu, minħabba li jridu jibdeu jinteraġġixxu mill-ewwel mal-uffiċjali jew l-aġenti temporanji li diġà jkun hemm, sew billi jimplementaw ix-xogħol assenjat lilhom jew billi jeħdulhom posthom.

Għaldaqstant, ladarba jenħtieġ li r-rekluti l-ġodda jkunu jistgħu jieħdu fuqhom il-kompiti tagħhom mill-bidu mingħajr ma jirċievu iktar taħriġ lingwistiku, l-Aġenti Kuntrattwali l-ġodda jridu jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-uffiċjali jew l-aġenti temporanji li diġà qegħdin jaħdmu f' tal-anqas waħda mill-għadd ta' lingwi tax-xogħol l-iktar użati fis-servizzi li fihom se jkunu mqabbdin, inkella din il-proċedura tal-għażla tifflekk l-iskop tagħha u fl-aħħar mill-aħħar tista' xxekkel il-ħidma effiċjenti tal-istituzzjonijiet.

Fl-istituzzjonijiet tal-UE ilha li daħlet il-prassi standard li għall-finijiet ta' komunikazzjoni interna jintużaw l-iktar l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, u dawn huma wkoll il-lingwi li l-iktar jintużaw meta ssir komunikazzjoni fl-istituzzjonijiet infushom u fil-komunikazzjoni esterna. Barra minn hekk, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma bil-kif l-iktar għażliet komuni meta l-kandidati għall-proċedura tal-għażla meta l-kandidati jkunu liberi jagħżlu t-tieni lingwa tagħhom. Dan jikkonferma l-livell ta' edukazzjoni u l-kompetenzi professjonali li attwalment wieħed jista' jistenna mill-kandidati f'pożizzjonijiet fl-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, jiġifieri l-għarfien ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi.

B'konsegwenza, meta wieħed iqis in-natura tad-dmirijiet li jwettqu l-Aġenti Kuntrattwali, fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità, fil-bilanċ bejn l-interessi u l-ħtiġijiet tas-servizz u l-abbiltajiet tal-kandidati, u minħabba l-oqsma partikolari koperti minn din il-proċedura tal-għażla, huwa leġittimu li t-testijiet tal-kompetenzi jiġu organizzati f'dawn it-tliet lingwi sabiex ikun żgurat li l-kandidati kollha jkunu kapaċi jaħdmu f' tal-anqas waħda minnhom, hi x' inhi l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom. Tabilħaqq, minħabba li t-twettiq tad-dmirijiet professjonali huwa marbut mal-kuntest lingwistiku speċifiku tal-istituzzjonijiet, il-vokabularju professjonali huwa meħtieġ f' tal-inqas waħda mit-tliet lingwi tal-ħidma l-iktar komuni, u l-Aġenti

Kuntrattwali prospettivi jrid ikollhom ħakma tajba biżżejjed ta' mill-inqas waħda minnhom biex ikunu jistgħu jikkomunikaw effettivament mal-kollegi tagħhom u ma' ta' fuqhom.

Il-valutazzjoni tal-kompetenzi speċifiċi b'dan il-mod tippermetti li l-istituzzjonijiet jevalwaw il-kapaċità tal-kandidati li jibdew jaħdmu minnufih f'ambjent simili għal dak li jsibu fl-impjieg. Dan hu bla preġudizzju għal taħriġ lingwistiku li jista' jsir aktar tard sabiex tinkiseb il-ħila li wieħed ikun jista' jaħdem bit-tielet lingwa skont l-Artikolu 85(3) Tal-kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS).

It-testijiet konjittivi, min-naħa l-oħra, se jinżammu fl-ewwel lingwa magħżula mill-kandidati sabiex jittestjaw biss il-ħilijiet tar-raġunament konjittiv. Tabilħaqq, it-testijiet tar-raġunament huma intenzjonati biss biex ikejlu l-ħila konjittiva fir-rigward tal-fehim u l-interpretazzjoni korretta tal-informazzjoni, u li abbażi tagħha jaslu għal konklużjonijiet loġiċi. Minħabba li l-għan ta' dawn it-testijiet huwa biss il-valutazzjoni tal-ħiliet tar-raġunament tal-kandidati mingħajr ma din l-analiżi tintrabat ma' sitwazzjoni ta' xogħol, dawn il-ħiliet jistgħu jiġu vvalutati aħjar jekk il-kandidati jingħataw l-opportunità li jużaw il-lingwa li jafu l-aħjar. Għaldaqstant, biex it-testijiet tar-raġunament konjittiv isiru tajjeb, huwa xieraq li dawn jitwettqu fl-ewwel lingwa tal-kandidati.

Finalment, it-trattament indaqs tal-kandidati, u b'mod partikolari l-bżonn li tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-kriterji tat-tiftix, jitlob li jintuża għadd limitat ta' lingwi għall-fażi tal-applikazzjoni online. Ir-rekwiżit li l-kandidati japplikaw bit-tieni lingwa tagħhom, magħżula minn fost it-tlieta proposti, huwa meqjus bħala l-aħjar kompromess bejn it-trattament indaqs, il-bżonnijiet tas-servizzi, u d-diversità lingwistika.

Skont il-lingwi użati għall-proċess tal-għażla (ara 1.3 tal-Anness III), il-komunikazzjoni individwali bejn il-kandidati u l-EPPO, permezz tas-Servizz ta' Kuntatt għall-Kandidati, tista' ssir fi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-għażla tal-kandidat. Il-komunikazzjoni tal-massa mill-EPPO lill-kandidati marbuta mal-istediniet għat-testijiet u r-riżultati tagħhom se tintbagħat permezz tal-kontijiet tal-EPPO fil-lingwa magħżula minn kull kandidat għat-testijiet ta' kompetenza. Dawn ir-regoli ġew definiti fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità u b'kont meħud tal-interessi tas-servizzi, kif ukoll tal-kandidati nfushom, li jibagħtu u jirċievu komunikazzjoni li tinftiehem b'mod ċar bi skadenzi raġonevoli, bl-għan li l-proċedura tal-għażla titwettaq b'mod kosteffiċjenti u mingħajr dewmien għalxejn.

[Tmiem tal-ANNEX II, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali](#)

ANNEX III -

**REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IS-SELEZZJONIJIET TAL-AĠENTI
KUNTRATTWALI (CAST)**

Kull referenza, fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO, għal persuna tal-ġeneru maskili trid tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna tal-ġeneru femminili. Fejn dan ikun relevanti, kull referenza għall-forma singolari għandha tinftiehem ukoll li tikkostitwixxi referenza għall-forma plurali.

1. MIN JISTA' JAPPLIKA?

- 1.1 Kundizzjonijiet ġenerali
- 1.2 Kundizzjonijiet speċifiċi
- 1.3 Għarfien ta' lingwi

2. KIF TAPPLIKA?

- 2.1 Oħloq kont tal-EP SO
- 2.2 Applika online

3. PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

- 3.1 Applikazzjoni
- 3.2 Prekwalifikazzjoni
- 3.3 Testijiet b'għażla multipla bil-kompjuter (MCQ)
- 3.4 Validità tar-riżultati tat-testijiet

4. TESTIJET U PROĊEDURI TAR-REKLUTAĠĠ

5. KOMUNIKAZZJONI

- 5.1 Komunikazzjoni mal-EP SO
- 5.2 Komunikazzjoni mas-servizzi ta' reklutaġġ
- 5.3 Protezzjoni tad-dejta
- 5.4 Aċċess għall-informazzjoni
- 5.5 Żvelar awtomatiku

6. ILMENTI

- 6.1 Kuntatt mal-EP SO
- 6.2 Kwistjonijiet tekniċi
- 6.3 Żball fil-mistoqsijiet b'għażla multipla fuq il-kompjuter (MCQ)
- 6.4 Ilmenti amministrattivi
- 6.5 Appelli ġudizzjarji
- 6.6 Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew
- 6.7 Skwalifika jew esklużjoni temporanja

INTRODUZZJONI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO) jorganizza l-proċeduri tas-selezzjoni tal-aġenti kuntrattwali (CAST) f'isem l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (UE). Proċeduri CAST permanenti jitnedew permezz ta' sejħiet għal espressjoni ta' interess miftuħin (mingħajr skadenza għall-applikazzjonijiet).

1. MIN JISTA' JAPPLIKA?

Il-proċeduri CAST huma miftuħin għaċ-ċittadini tal-UE kollha li jilħqu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ġenerali u speċifiċi kollha definiti fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Billi tivvalida l-formola ta' applikazzjoni online, inti tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Tkun innotifikat meta u liema dokumenti ta' prova trid tagħti qabel ir-reklutaġġ biex tagħti prova li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet.

1.1 Kundizzjonijiet ġenerali

Il-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà li ġejjin huma komuni għal dawn il-proċeduri ta' selezzjoni ta' aġenti kuntrattwali:

Inti trid:

- (a) tkun tgawdi mid-drittijiet kollha ta' ċittadin ta' Stat Membru tal-UE (sakemm l-ebda eċċezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal, u l-ebda miżuri speċifiċi adottati għar-reklutaġġ taċ-ċittadini ta' pajjiżi li jissieħbu fl-UE ma jkunu indikati fis-sejħa);
- (b) tkun tissodisfa kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;
- (c) tissodisfa r-rekwiżiti dwar il-karattru meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet rilevanti.

Meta meħtieġ, għandek tippovdi kopja tal-passaport, karta tal-identità jew kull dokument uffiċjali ieħor li juri ċ-ċittadinanza tiegħek (a), li, għal sejħiet EPSO/CAST/P **irid ikun validu** fid-data li fiha tivvalida l-applikazzjoni tiegħek.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova għal (b) u (c) hawn fuq.

1.2 Kundizzjonijiet speċifiċi

Il-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali jistgħu jvarjaw minn proċedura ta' selezzjoni għal oħra skont il-profil meħtieġ. Dawn il-kundizzjonijiet huma deskritti fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess.

- (a) **Diplomi u / jew ċertifikati:** Diplomi minn barra l-UE għandhom ikunu rikonoxxuti minn korp uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE (pereżempju mill-Ministeru tal-Edukazzjoni). Isiru konċessjonijiet għad-differenzi bejn is-sistemi tal-edukazzjoni.
- (b) **Esperjenza professjonali (jekk meħtieġa):** titqies biss jekk tkun rilevanti għad-dmirijiet deskritti fis-sejħa u:
 - tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv;
 - tkun imħallsa;
 - tkun tinvolvi relazzjoni ta' subordinazzjoni jew il-forniment ta' servizz.

1.3 Għarfien ta' lingwi

Skont il-proċess ta' selezzjoni u r-rekwiżiti speċifiċi għal profil jew il-pożizzjoni, se tiġi mitlub li turi l-għarfien tiegħek ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-UE, kif stabbilit iktar 'l isfel.

Se jkollok bżonn tal-anqas għarfien profund (livell C1) ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti (livell B2) ta' oħra, b'konformità mal-Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għal-Lingwi:

(Għal iktar informazzjoni żur il-link li ġej:

<https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>).

Madankollu, jistgħu jiġu imposti rekwiżiti iktar stretti, b'mod partikolari għall-profili tal-lingwisti.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova sabiex tipprova l-għarfien tiegħek tal-lingwi, ħliet jekk dan ma jkunx neċessarju biex turi l-esperjenza professjonali tiegħek bħala lingwista (ara 1.2).

2. KIF TAPPLIKA?

2.1 Oħloq kont tal-EPPO

L-istruzzjonijiet dwar kif toħloq il-kont tiegħek huma disponibbli fuq is-sit web tal-EPPO (għal iktar tagħrif żur il-link li ġej: http://europa.eu/epso/index_mt.htm – ara login/create account).

Il-kont tal-EPPO tiegħek jintuża biex:

- tapplika u tittraċċa l-applikazzjonijiet tiegħek;
- tirċievi l-komunikazzjonijiet mill-EPPO;
- il-ħażna tad-dejta personali.

Tista' toħloq kont tal-EPPO **wieħed biss** għall-applikazzjonijiet kollha tal-EPPO. Tista' tiġi skwalifikat f'kull fażi tal-proċedura jekk l-EPPO jiskopri li jkollok aktar minn kont wieħed (ara 6.7).

2.2 Applika online

Trid tapplika online permezz tas-sit web tal-EPPO bil-Franċiż, bil-Ġermaniż jew bl-Ingliż (sakemm mhux speċifikat mod ieħor). In-nuqqas li tosserva dan l-obbligu jista' jwassal għall-esklużjoni tiegħek mill-proċedura tal-għażla (ara 6.7).

- Tista' tintalab tagħti informazzjoni dwar:
- id-diplomi / il-kwalifiki;
- l-esperjenza professjonali (jekk meħtieġa);
- il-motivazzjoni għall-applikazzjoni;
- l-għarfien ta' lingwi uffiċjali tal-UE;
- sa 10 "l-iktar ħliet b'saħħithom" minn lista predefinita;
- ħliet ta' sofwer tal-uffiċċju/kompetenza fl-użu tal-kompjuter;
- approvazzjoni tas-sigurtà (jekk relevanti - irreferi għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

tal-UE (2011/292/UE, Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru L 141/17 tas-27.5.2011));

- kull arranġament speċjali meħtieġ għat-testijiet (ara 2.3).

Għandek tinkludi kemm jista' jkun dettalji dwar il-kwalifiki u l-esperjenza tiegħek sabiex tiġi stabbilita r-rilevanza tagħhom għad-dmirijiet meħtieġa.

Għal postijiet diplomatiċi offruti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u s-servizzi tal-Kummissjoni, jistgħu japplikaw regoli speċifiċi dwar ir-rotazzjoni. Kull regola bħal dawn tiġi espliċitament indikata fl-avviż ta' post battal.

3. PROCĊEDURA TAL-GĦAŻLA

3.1 Applikazzjoni

Din hija sejħa għall-espressjonijiet ta' interess miftuħa għal għadd ta' profili, bl-ebda skadenza għar-reġistrazzjoni. Jistgħu jiddiedu aktar profili fil-futur.

Tista' tapplika f'kull ħin għal kull profil jew grupp ta' funzjonijiet li għalihom tkun eliġibbli. Trid tivvalida l-applikazzjoni inizjali tiegħek u **taġġornaha kull sitt (6) xhur** biex is-servizzi ta' reklutaġġ ikunu jistgħu jarawha. Tista' tiftaħha, tbiddilha u tissejvjaha f'kull ħin.

Jekk ma taġġornax l-applikazzjoni tiegħek tal-anqas darba kull sitt (6) xhur, ma tiġix tidher fir-riżultati tat-tfittxija mwettqa mis-servizzi ta' reklutaġġ. Madankollu, id-dejta tiegħek tibqa' fis-sistema u tkun tista' tiġi taġġornaha f'kull ħin biex tindika l-interess tiegħek li tiġi rreklutat bħala aġent kuntrattwali.

Tista' taġġorna l-applikazzjoni tiegħek jew billi timmodifikaha jew sempliċiment billi tikkonferma l-interess tiegħek permezz tal-Kont tal-EPPO tiegħek. Ladarba tagħmel dan, tiġi tidher data ta' validità ġdida.

3.2 Preselezzjoni

Kif ikun hemm bżonn, is-servizzi tar-reklutaġġ ifittxu fil-bażi tad-dejta bi kriterji ta' tiftix predefiniti u jagħżlu għadd limitat ta' kandidati li l-informazzjoni fl-applikazzjonijiet tagħhom tkun l-aktar li taqbel mar-rekwiżiti tal-impjieg inkwistjoni. Fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji ta' tiftix predefiniti, is-servizzi ta' reklutaġġ iwettqu valutazzjoni bir-reqqa, oġġettiva u ġusta tal-merti komparattivi tal-kandidati kollha.

Tista' tkun preselezzjonat minn servizzi ta' reklutaġġ differenti għall-istess profil jew profili differenti. Jekk tiġi preselezzjonat iktar minn darba għall-istess profil fl-istess grupp tal-funzjoni, trid tagħmel it-testijiet darba biss. Għal aktar dettalji dwar il-validità tar-riżultati tat-testijiet, irreferi għat-taqsimha 3.4.

3.3 Testijiet b'għażla multipla bil-kompjuter (MCQ)

Il-kandidati magħżula minn qabel mis-servizzi ta' reklutaġġ biss jiġu mistiedna mill-EPPO biex jagħmlu t-testijiet bil-kompjuter għall-profil jew gruppi ta' funzjoni rilevanti. **Jekk tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, ma jfissirx li tkun awtomatikament mistieden għat-testijiet.**

It-testijiet huma organizzati taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-EPPO. Jiġu amministrati u mmarkati fuq kompjuter, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Tkun meħtieġ tagħmel kemm it-testijiet ta' raġunament kif ukoll ta' kompetenza. **Il-marka minima meħtieġa għat-testijiet hija speċifikata fis-sejħa.** Il-kandidati mistednin għat-testijiet tar-raġunament u tal-kompetenza jridu jaġhmlu ż-żewġ testijiet. Jekk ma tagħmilx dan, tiġi rtirat mit-testijiet u ma jkun jgħoddlok l-ebda riżultat.

It-testijiet ta' raġunament jinkludu:

- test tar-raġunament verbali: biex jivvaluta l-ħila tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem l-informazzjoni verbali;
- test tar-raġunament numeriku: biex jivvaluta l-ħila tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem l-informazzjoni numerika; kif ukoll
- test tar-raġunament astratt: biex jivvaluta l-ħila tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem ir-relazzjonijiet bejn kunċetti li ma jinvolvu elementu lingwistiċi, spazjali jew numeriċi;

It-test ta' kompetenza jinkludi:

- test ta' kompetenzi professjonali speċifiċi relatati mad-dmirijiet meħtieġa għall-profil speċifiku.

Sabiex tagħmel it-testijiet bil-kompjuter, trid tibbukja appuntament għat-test. Se tirċievi struzzjonijiet dwar kif u meta tibbukja appuntament għat-test permezz tal-kont EPPO tiegħek. Ġeneralment, tiġi offrut għażla ta' dati u ta' ċentri tal-ittestjar.

Il-perjodi li fihom tista' tibbukja u tagħmel it-testijiet tiegħek huma **limitati**. Jekk **tonqos milli tibbukja jew tagħmel it-testijiet, ma tiġix mistieden mill-ġdid awtomatikament.** Madankollu, l-applikazzjoni tiegħek tibqa' valida jekk taġġornaha jew tikkonferma l-interess tiegħek kull sitt (6) xhur. Jista' jkun li tiġi mistieden mill-ġdid biex tibbukja test jekk terġa' tiġi preselezzjonat minn xi servizz ta' reklutaġġ.

3.4. Validità ta' riżultati tat-testijiet

Jekk tikseb il-marki meħtieġa biex tirnexxi fit-testijiet, ir-riżultati jkunu validi għal ċertu perjodu ta' żmien, biex ma jkollokx għalfejn terġa' tagħmel daww it-testijiet.

Jekk tkun għaddej mit-testijiet ta' raġunament, ir-riżultati tiegħek jibqgħu validi għal **10 snin** mid-data li fiha r-riżultati tiegħek ġew ippubblikati mill-EPPO. Ir-riżultati tiegħek jibqgħu validi għal kull profil fl-istess **grupp ta' funzjonijiet jew gruppi taħthom.**

Jekk tkun għaddej mit-testijiet tal-kompetenza, ir-riżultati tiegħek jibqgħu validi għal **ħames (5) snin** mid-data li fiha r-riżultati tiegħek ġew ippubblikati mill-EPPO. Ir-riżultati tiegħek huma wkoll validi **għal gruppi ta' funzjonijiet inferjuri tal-istess profil, jekk applikabbli.**

Jekk ma tiksibx il-marki meħtieġa biex tirnexxi fit-testijiet, japplika dan li ġej:

Jekk ma tgħaddix mit-testijiet ta' raġunament, ma titħalliex terġa' tagħmilhom għal **sitt (6) xhur** (mid-data li r-riżultati jkunu ġew ippubblikati mill-EPPO) fl-istess **grupp ta' funzjonijiet jew oġġa irrispettivament mill-profil.** Madankollu tista' tiġi preselezzjonat mis-servizzi ta' reklutaġġ biex tagħmel testijiet għal grupp ta' funzjonijiet inferjuri għal kwalunkwe profil f'kull ħin.

It-testijiet ta' kompetenza tiegħek jiġu mmarkati biss jekk tkun għaddejt mit-testijiet ta' raġunament.

Jekk ma tgħaddix mit-testijiet ta' kompetenza, ma titħalliex terġa' tagħmilhom għal **sitt (6) xhur** (mid-data li r-riżultati jkunu ġew ippubblikati mill-EPSO) għall-**istess grupp ta' funzjonijiet jew ogħla** fl-istess profil. Madankollu tista' tiġi preselezzjonat mis-servizzi ta' reklutaġġ biex tagħmel testijiet ta' kompetenza għall-istess profil fi grupp ta' funzjonijiet inferjuri, jekk applikabbli, jew biex tagħmel testijiet ta' kompetenza fi kwalunkwe grupp ta' funzjonijiet ta' profil ieħor.

Jekk tgħaddi kemm mit-testijiet ta' raġunament u ta' kompetenza għal profil partikolari, **tiġi mistieden għal testijiet ta' reklutaġġ** li jkunu jinkludu intervista u possibilment xi testijiet oħrajn, skont kif iqisu li hu meħtieġ is-servizzi ta' reklutaġġ. Tista' tiġi mistieden għal intervisti minn servizzi oħrajn għall-istess profil u grupp ta' funzjonijiet jew għal grupp ta' funzjonijiet iktar baxx fl-istess profil mingħajr ma jkollok għalfejn terġa' tagħmel it-testijiet.

4. TESTIJET U PROCĊEDURI TAR-REKLUTAĠĠ

L-istituzzjonijiet huma responsabbli li jimmaniġjaw it-testijiet u l-proċeduri relatati mar-reklutaġġ. It-testijiet ta' reklutaġġ ikunu jinkludu intervista u jista' jkollhom forom ta' testijiet oħrajn, bħal test miktub, test Prattiku, jew simulazzjoni.

Meta tiġi mistieden għal test ta' reklutaġġ, tista' tintalab tippreżenta d-dokumenti oriġinali li jagħtu prova li l-informazzjoni fl-applikazzjoni tiegħek rigward l-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali hija korretta (ara t-taqsim 1). Minkejja li t-tieni lingwa tiegħek tiġi tipikament ittestjata fl-istadju tat-test tal-kompetenza, l-għarfien lingwistiku tiegħek jista' jkun eżaminat ukoll waqt l-intervista.

Ir-reklutaġġ jista' jkun soġġett għall-Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal (PSC) imwettqa mill-awtorità ta' sigurtà nazzjonali tal-kandidat.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 u l-Kapitolu 5, Titolu IV Persunal Kuntrattwali tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (għal iktar dettalji [żur http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF), l-artikoli 85 u 88 rispettivament), jekk tirnexxi f'intervista, tista' tiġi offrut it-tipi ta' kuntratti ta' reklutaġġ li ġejjin skont is-servizz ta' reklutaġġ:

KUNTRATT CA 3A (jista' jwassal għal kuntratt indefinit)

POST TAL-IMPJIEG: Il-kwartieri ġenerali tal-Istituzzjonijiet tal-UE (Grupp ta' Funzjoni I), l-Uffiċċji għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell u fil-Lussemburgu (OIB, OIL), l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO), l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), l-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA), l-aġenziji Ewropej u r-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja

KUNTRATT CA 3B (kuntratt b'terminu fiss għal perjodu massimu ta' sitt (6) snin)

POST TAL-IMPJIEG: Il-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (OP).

5. KOMUNIKAZZJONI

5.1 Komunikazzjoni mal-EPPO

Skont il-lingwi użati għall-proċess tas-selezzjoni (ara 1.3), l-istediniet u r-riżultati tat-testijiet jintbagħtu permezz tal-kont EPPO tiegħek bl-Ingliż, bil-Franċiż u l-Ġermaniż. Irreferi għall-Anness II għal aktar tagħrif dwar il-lingwi użati fil-proċeduri tas-selezzjoni tal-UE.

Għandek tikkonsulta l-kont tiegħek mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa biex:

- iżżomm kont tal-progress tal-proċedura tas-selezzjoni tiegħek;
- tiġi infurmat dwar opportunitajiet rilevanti fuq il-profil jew il-preferenzi tiegħek (pereżempju l-post);
- taġġorna l-formola ta' applikazzjoni tiegħek biex turi li għandek interessat (ara 3.1); jew
- tikkonferma l-interess tiegħek direttament lis-servizzi ta' reklutaġġ.

Jekk ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba problema teknika min-naħa tal-EPPO, trid tavżana minnufih permezz tal-formola ta' kuntatt online (ara l-formola ta' kuntatt fil-link li ġej: https://epso.europa.eu/help_mt);

Fil-korrispondenza kollha, indika ismek (kif mogħti fl-applikazzjoni tiegħek), in-numru tal-applikazzjoni tiegħek, u n-numru ta' referenza tal-proċedura tas-selezzjoni.

L-EPPO japplika l-prinċipji tal-kodiċi ta' mgħiba amministrattiva tajba. Skont dawn l-istess prinċipji, l-EPPO jirriserva d-dritt li jwaqqaf kull korrispondenza ħażina, jiġifieri li tkun ripetittiva, abbużiva, u/jew irrilevanti.

5.2 Komunikazzjoni mas-servizzi ta' reklutaġġ

L-informazzjoni dwar it-testijiet ta' reklutaġġ, inklużi l-istediniet għall-intervisti, jintbagħtu mis-servizzi ta' reklutaġġ fl-indirizz tal-email li indikajt fil-kont EPPO tiegħek.

5.3 Protezzjoni tad-dejta

L-EPPO jggarantixxi l-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-dejta personali tal-kandidati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali (ara l-link li ġej: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32001R0045>). Dejta anonima tat-testijiet tista' tintuża għal riċerka xjentifika. Tista' ssib aktar informazzjoni fid-dikjarazzjoni ta' privatezza tal-protezzjoni tad-dejta fil-kont EPPO tiegħek.

5.4 Aċċess għall-informazzjoni

Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kandidati għandhom drittijiet speċifiċi ta' aċċess għal ċerta informazzjoni personali, mogħtija fid-dawl tal-obbligu li jiġu dikjarati r-raġunijiet għal kull deċiżjoni sfavorevoli, sabiex ikun permess appell għudizzjarju jekk id-deċiżjoni ma tkunx fondata.

L-obbligu li jiġu ddikjarati r-raġunijiet irid jiġi kkonċiljat mar-rispett tal-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni, li jiżgura l-indipendenza u l-oġġettività. L-attitudnijiet tal-evalwaturi individwali, jew l-informazzjoni marbuta mal-valutazzjonijiet ta' natura personali jew komparattiva dwar il-kandidati għaldaqstant ma jistgħux jiġu divulgati.

Dawn id-drittijiet ta' aċċess huma speċifiċi għall-kandidati fi proċess tal-għażla għal aġenti kuntrattwali u ma tistax tikseb aktar drittijiet mil-leġislażzjoni dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni minn dawk speċifikati f'din it-taqsim (għal iktar informazzjoni żur il-link: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32001R1049>).

5.5 Żvelar awtomatiku

Il-ġurisprudenza kkonfermat li għat-testijiet fil-forma tal-mistoqsijiet b'għażla multipla, l-obbligu li jiġu ddikjarati raġunijiet huwa rrispettat billi tiġi kkomunikata lill-kandidati l-informazzjoni speċifikata hawn taħt: Se tirċievi l-informazzjoni li gejjja permezz tal-kont tal-EPPO tiegħek:

TESTIJIET BIL-KOMPJUTER

- Ir-riżultati tiegħek
- Grilja bit-tweġibiet tiegħek u t-tweġibiet it-tajbin skont in-numru/l-ittra ta' referenza
- L-aċċess għall-kliem tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet huwa espliċitament eskluż

6. ILMENTI

6.1 Kuntatt mal-EPPO

Jekk, f'xi stadju tal-proċedura ta' selezzjoni, tiltaqa' ma' problema teknika jew organizzattiva serja, informa lill-EPPO immedjatement, sabiex inkunu nistgħu ninvestigaw il-kwistjoni u nieħdu miżuri korrettivi.

- preferibbilment permezz tal-formola ta' kuntatt online (ara l-formola ta' kuntatt fil-link li ġej: https://epso.europa.eu/help_mt); jew
- jew bil-posta lill-European Personnel Selection Office (EPPO), C-25 1049 Brussels, Belgium.

Fil-korrispondenza kollha, indika ismek (kif mogħti fl-applikazzjoni tiegħek), in-numru tal-applikazzjoni tiegħek, u n-numru ta' referenza tal-proċedura tas-selezzjoni.

6.2 Kwistjonijiet tekniċi

- **Għal problemi li jseħħu barra miċ-ċentri tat-testijiet** (bħal dawk li jirrigwardaw il-proċess ta' applikazzjoni jew tal-ibbukkar), ikkuntattja lill-EPPO, (ara 6.1) b'deskrizzjoni qasira tal-problema.
- **Jekk il-problema sseħħ f'ċentru tat-testijiet**, informa lill-inviġilaturi u itlobhom jirreġistraw l-ilment tiegħek bil-miktub, u kkuntattja lill-EPPO (ara 6.1) b'deskrizzjoni qasira tal-problema.

6.3 Żball fil-mistoqsijiet b'għażla multipla fuq il-kompjuter (MCQ)

Il-bażi tad-dejta MCQ hija suġġetta għal kontroll ta' kwalità dettaljat permanenti mill-EPPO. Jekk madankollu temmen li irregolarità f'waħda mill-MCQ għamlitha impossibbli li twieġeb jew affettwat il-ħila tiegħek li twieġeb b'mod korrett, inti intitolat li titlob li l-mistoqsija/ijiet tiġi/jiġu riveduta/i mill-EPPO. Il-mistoqsija li fiha l-iżball tista' tiġi kkanċellata mill-EPPO u jiġu applikati miżuri korrettivi, f'konformità mal-ġurisprudenza eżistenti.

- **Proċedura:** ikkuntattja lill-EPPO (ara 6.1) **biss permezz tal-formola ta' kuntatt online**
- **Data ta' skadenza:** **fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data tat-testijiet tiegħek bil-kompjuter**
- **Referenza:** "proċeduri ta' lment"
- **Informazzjoni addizzjonali:** iddeskrivi fuqhiex kienet il-mistoqsija (kontenut) sabiex il-mistoqsija (jew mistoqsijiet) tkun tista' tiġi identifikata/i; u spjega bl-aktar mod ċar possibbli l-allegat żball.

Innota li talbiet li jiġbdu biss l-attenzjoni għal kwistjonijiet allegati ta' traduzzjoni, pereżempju, mingħajr aktar dettalji ma jiġux aċċettati.

Kull talba li tasal wara l-iskadenza, jew li ma tkunx ċara biżżejjed biex tkun tista' ssir identifikazzjoni tal-mistoqsija jew mistoqsijiet ikkontestati, jew li ma tispjegax in-natura tal-iżball allegat, ma tiġix ikkunsidrata.

6.4 Ilmenti amministrattivi

Skont l-Artikolu 90, paragrafu 2, tar-Regolamenti tal-Persunal, id-Direttur tal-EPPO jeżegwixxi l-kapaċità tal-Awtorità tal-Ħatra. Bħala kandidat fi proċess ta' selezzjoni, tista' tressaq ilment amministrattiv lid-Direttur tal-EPPO kontra deċiżjoni, jew nuqqas ta' deċiżjoni, li direttament u immedjatament taffettwa l-istatus tiegħek bħala kandidat.

- **Proċedura:** ikkuntattja lill-EPPO (ara 6.1)
- **Data ta' skadenza:** **fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata: jew meta kellha tittieħed deċiżjoni.**
- **Referenza:** "proċeduri ta' lment"

6.5 Appelli ġudizzjarji

Skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, bħala kandidat fi proċess tal-għażla, għandek id-dritt li tressaq appell ġudizzjarju.

L-appelli ġudizzjarji kontra deċiżjonijiet meħuda mill-EPPO jridu jkunu preċeduti minn ilment amministrattiv.

Għad-dettalji dwar kif għandek tippreżenta appell, ara s-sit web tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-link li ġej (<http://curia.europa.eu/jcms/jcmst/>).

6.6 Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE jistgħu jressqu ilment lill-Ombudsman Ewropew.

Skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman, l-ilmenti li jitressqu quddiemu għandhom ikunu preċeduti mill-approċċi amministrattivi adegwati lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati (Ara 6.1 sa 6.4).

L-ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman ma għandhomx effett ta' sospensjoni fuq l-iskadenzi stabbiliti għat-tressiq ta' lmenti amministrattivi jew biex jitressqu appelli ġudizzjarji.

Għad-dettalji dwar kif għandek tressaq appell, ara s-sit web tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu/>).

6.7 Skwalifika jew esklużjoni temporanja

Jekk fi kwalunkwe stadju l-EPPO jinnota li:

- ħloqt iktar minn kont tal-EPPO wieħed;
- b'għat l-applikazzjoni tiegħek b'lingwa oħra li mhix l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż (sakemm mhux speċifikat mod ieħor);
- għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew mhux sostnuti;
- qarraqt waqt it-testijiet;
- ipprovajt tidentifika lilek innifsek (kuntrarjament għall-istruzzjonijiet) f'testijiet bil-miktub li jridu jiġu mmarkati b'mod anonimu; jew
- ipprovajt tikkuntattja membru tal-bord tas-selezzjoni b'mod mhux awtorizzat;

Tista':

- tiġi eskluż mill-proċedura ta' selezzjoni; jew
- l-applikazzjoni tiegħek tiġi tidher bħala "mhux disponibbli" għal sena.

Kull persuna li tapplika għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE għandha turi l-oġġla livell possibbli ta' integrità. Il-frodi jew it-tentattivi ta' frodi jistgħu jesponuk għal penalitajiet u jistgħu jippreġudikaw l-eliġibbiltà tiegħek għal selezzjonijiet futuri.

[Tmiem tal-ANNEX III, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali](#)

ANNEX IV –

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI RIGWARD TESTIJET BIL-KOMPJUTER F'FORMAT LI JINQARA FAĊILMENT

It-testijiet ta' raġunament (verbali, numeriku u astratt) isiru fil-lingwa 1 tiegħek. Jekk tirnexxi, ir-riżultati tiegħek se jkunu validi għal 10 snin.

It-test tar-raġunament verbali huwa magħmul minn 20 mistoqsija u jieħu 35 minuta. Il-marka minima meħtieġa hija ta' 10/20.

It-test tar-raġunament numeriku huwa magħmul minn 10 mistoqsijiet u jieħu 20 minuta. Il-marka minima meħtieġa kkombinata flimkien ma' tat-test tar-raġunament astratt hija ta' 10/20.

It-test tar-raġunament astratt huwa magħmul minn 10 mistoqsijiet u jieħu 10 minuti. Il-marka minima meħtieġa kkombinata flimkien ma' tat-test tar-raġunament numerika hija ta' 10/20.

It-test tal-kompetenza isir fil-lingwa 2 tiegħek. Huwa magħmul minn 25 mistoqsija u jieħu 50 minuta. Il-marka minima meħtieġa għall-FG II u FG III hija 13/25, u għal FG IV 16/25. Jekk tirnexxi, ir-riżultati tiegħek se jkunu validi għal 5 snin.

[Tmiem tal-ANNEX IV, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali](#)